


FRAR 2019 - APRIL 2019

# MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Komunità t'Edukaturi Professjonisti**

Il-Malti jgħid min ma jġeddidx iqammel u l-istess jgħodd għall-edukaturi. Il-professjoni t'għalliem teħtieġ tiġdid kontinwu, ħiliet u metodi ġodda kif isir it-tagħlim kif ukoll għerf ġdid li minn żmien għal żmien jibdel għerf ieħor sabiex jimxi maż-żminijiet.

Sas-sena l-oħra l-għalliema kellhom 18-il siegħa mferrxin matul is-sena skolastika, waqt u wara l-ħin tal-iskola fejn fihom kienu jiżviluppaw il-professjonalità tagħhom bħala edukaturi. Bil-ftehim settorali ġdid iffirmat is-sena l-oħra bejn il-unjin tal-għalliema u d-direttorat tal-edukazzjoni dan l-ammont ta' sigħat issa tela' għal 25 siegħa.

Forsi jkun hawn min jargumenta li dawn huma sigħat ta' tagħlim imnaqqra minn ħalq l-istudenti u li tali sigħat waqt il-ħin tal-iskola qed iħalli impatt tqil fuq il-ġenituri. Bħala edukatur li nzertajt ukoll ġenitur nirribatti b'argument ieħor. Meta wliedi jkunu ma jifilħux ma naħsibhiex darbtejn biex neħodha leave biex noqgħod magħhom u jekk jista' jkun jarahom l-aqwa tabib! X'jagħmel tabib aħjar minn ieħor? Propjament kemm iżomm ruħu aġġornat mal-mediċina li toħroġ u tinbidel minn żmien għal żmien! Jekk is-saħħa ta' wliedna hija importanti, l-edukazzjoni tagħhom mhi xejn inqas!

Bħalissa għaddejjin riformi kbar fl-edukazzjoni f'pajjiżna. Ewlenija fost dawn ir-riformi nsibu l-mixja lejn assessjar kontinwu minnflok assessjar b'eżami biss. Din ir-riforma teħtieġ bidla fil-mentalità. Prinċipalment teħtieġ bidla fl-għalliema li waqgħetilhom żokorthom iħaddmu u jipperfezzjonaw sistemi li jippreparaw l-istudenti għall-eżamijiet. Teħtieġ bidla fil-mentalità tal-ġenituri u studenti li wkoll imdorrija f'sistema t'eżamijiet u li fin-nuqqas ta' tali sistema jistgħu jħossuhom mitlufin u mgerfxin.

Bħala komunità t'edukaturi professjonisti ma stennejniex il-bajtra taqa' f'ħalqna sabiex nibdew nippreparaw għal din il-bidla. Għal dawn l-aħħar sentejn, bħala skola ħdimna

*kompli fuq paġna 2..*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

*...ikompli minn paġa 1*

qatigħ biex inħarrġu l-istaff tagħna fuq metodi aħjar ta' mistoqsijiet fil-klassi, fuq intenzjonijiet ċari tal-għanijiet tal-lezzjonijiet u kif inkunu konvinti li l-istudenti fehmu sewwa l-għanijiet tal-lezzjonijiet sabiex inkunu f'pożizzjoni li nagħtu rispons aħjar lill-istudenti u lill-ġenituri. Dan kollu jressaqna dejjem eqreb għal assessjar kontinwu li ser jidhol fis-seħħ fl-iskola tagħna minn Settembru 2020.

Bħala kap tal-iskola jiena kburi ħafna bil-komunità t'edukaturi professjonisti li mmexxi. Il-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom minkejja d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom hija inkredibbli. Il-motivazzjoni tagħhom biex ikunu għalliema aħjar għall-istudenti ta' min wieħed ifaħħarha. Il-ħin li niddedikaw fl-iżvilupp professjonali mhux ħin moħli. Meta intom il-ġenituri jkollkom taraw ma' min se tħallu l-uliedkom f'dawk il-ġranet li fihom ikollna t-taħriġ tħarsux lejna bl-ikrah. Dan il-ħin hu investiment għaqli f'edukazzjoni ta' kwalità għal uliedkom.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola

## NATIONAL MATHEMATICS STRATEGY

Bħalissa qiegħda titfassal Strateġija Nazzjonali dwar il-Matematika bl-iskop li tiġi żgurata edukazzjoni ta' matematika ta' kwalità għolja għal kull student f'pajjiżna. Bħala parti minn din l-istrateġija, xi studenti mill-iskola tagħna attendew għall-*focus group* li kien organizzat nhar it- 28 ta' Jannar fejn fiha taw l-ideat u l-opinjonijiet tagħhom dwar dak li hu pożittiv u dak li jħossu li għandu jitjieb fl-edukazzjoni kurrenti tal-matematika. Tajjeb ukoll ngħidu li kemm għalliema tal-matematika kif ukoll ġenituri attendew għall-*focus groups* oħra li ġew organizzati fuq bażi nazzjonali. L-istrateġija nazzjonali għandha titlesta aktar tard din is-sena.

## JUM SAN VALENTINU

F'Jum il-Maħbubin l-istudenti daħlu l-iskola għal-foyer differenti mlibbes bil-kuluri ħomor tal-imħabba. Ġest li kien milqugħ tajjeb mill-istudenti u anke mill-għalliema. L-istaff tal-iskola kienu milqugħa b'noti żgħar bħala turija ta' apprezzament għal dak kollu li jagħmlu biex itejbu l-ħajja tal-istudenti kollha tal-iskola.







# PSCD

Illum il-ġurnata kulħadd jaf kemm tagħmel parti importanti f'ħajjitna l-media soċjali partikolarment Facebook. Jekk użat tajjeb Facebook jista' jkun sors ta' informazzjoni u jista' jkun għodda tajba sabiex tiġi mxandra l-informazzjoni.

Huwa għalhekk li l-għalliema fid-dipartiment tal-PSCD (Personal, Social and Career Development) iddeċidew li kull ġimgħa jtellgħu żewġ posters fuq il-gruppi tal-media soċjali li jappartjenu għall-iskola. Fil-fatt qiegħed isir poster għall-grupp tal-ġenituri u poster ieħor, fuq l-istess tema li jittella' fuq il-grupp Benedittu Social Secondary, li hu mmirat għall-istudenti u għall-komunità. L-għan huwa li ngħaddu messaġġ pożittiv u ta' inkoraġġiment dwar il-ħiliet li nindirizzaw fis-sessjonijiet tal-PSCD matul it-tliet snin tal-iskola sekondarja. Għan ieħor hu li l-ġenituri jsiru iktar midħla tat-temi u l-ħiliet li jiġu trattati fis-suġġett. Dawn huma l-ħiliet neċessarji għall-ħajja u se jgħinu lill-istudenti fl-oqsma kollha – il-personalità, ir-relazzjonijiet u l-karriera.













Nieħdu din l-opportunità biex inħeġġukom li tissieħbu maż-żewġ paġni tal-iskola Benedittu Social Secondary u KSB Grupp tal-Ġenituri (skola sekondarja). F'dawn il-paġni minbarra l-posters tal-PSCD tittella' wkoll informazzjoni varja relatata mal-iskola.

*Is-Sa C. Refalo*
Għalliema tal-PSCD

# GĦAT-TIELET SENA... EXCHANGE SUĊĊESS

Bejn il-Ħamis 7 ta' Marzu u l-Ħamis 14 ta' Marzu 2019, grupp ta' studenti mill-iskola tagħna u mill-iskola Ġermaniża bl-isem ta' Reformschule mill-belt ta' Kassel, kienu impenjati f'att kbir ta' attivatijiet u żjajjar bħala parti mit-tielet Exchange skolastiku bejn l-iskejjel f'dawn l-aħħar snin.

Hekk kif wara li f'Novembru tal-2018, l-istudenti tagħna qattgħu ġimgħa fil-belt ta' Kassel, kien imiss lill-istudenti Ġermaniżi li jżuru lil pajjiżna u jġeddu l-memorji tal-ħbiberija sinċiera tagħhom mal-istudenti Maltin.

Iż-żjajjar u attivitajiet kienu bosta u varji.  Kien hemm żjajjar fejn l-istudenti setgħu jammiraw l-istorja sinjura ta' pajjiżna billi permezz ta' gwidi



professjonali saru jafu dwar il-Belt Valletta, il-Forti Sant'Anġlu, ir-Rabat u l-Imdina, ir-Rotunda tal-Mosta u t-Tempji Megalitiċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Żaru wkoll u wrew interess kbir fil-kumpanija *Lufthansa Teknik* u t-tiswijiet u manutenzjoni tal-ajruplani.

Kellhom ix-xorti li jżuru l-Parlament u jassistu għal



seduta Parlamentari fejn setgħu jaraw b'mod prattiku dak li jisimgħu u jaqraw fil-kotba tal-iskola f'dak li għandu x'jaqsam ma' impenn ċiviku u politiku.

L-istudenti Ġermaniżi qattgħu ġurnata għand il-ġenituri tal-istudenti tagħna u ġew imdewqa s-sbuħija ta' pajjiżna u t-tjubija tal-ikel Malti flimkien mal-ospitalità ġenwina li nafu noffru bħala poplu.

L-interess tal-ġenituri tal-istudenti tagħna deher ukoll fl-entużjażmu li wrew meta attendew bi ħġarhom għall-*Farewell Party* li sar filgħaxija fl-iskola tagħna nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu u setgħu jammiraw il-preżentazzjonijiet li saru mill-istudenti Ġermaniżi dwar l-iskola u l-belt tagħhom.

Studenti Ġermaniżi li baqgħu msaħħra mir-rikkezza tal-Istorja ta' pajjiżna kif ukoll mis-sbuħija tal-baħar tagħna.

Persważi li bdil simili bejn skejjel ta' pajjiżi differenti dejjem iħalli l-frott għax l-istudenti jinqatgħu minn dawk il-ħsibijiet li mdorrijin bihom u mingħajr ma jiċħdu dak li jsawwarhom bħala persuni sħaħ,

jitgħallmu jisimgħu dwar ħsibijiet, opinjonijiet u drawwiet ta' żgħażagħ bħalhom f'pajjiżi oħra.

Wieħed jittama li żjajjar simili jibqgħu jsiru anke fil-futur u l-ġenituri huma mħeġġa sabiex jagħtu s-sapport tagħhom lil uliedhom sabiex jieħdu sehem f'inizjattivi bħal dawn għax it-tagħlim li jieħdu wliedhom huwa ħafna u jmur ferm 'il



bogħod minn dak li jitgħallmu waqt il-lezzjonijiet formali fl-iskola.

L-istess kif l-istudenti kollha mhux se jinsew il-ħbiberija sinċiera li rnexxielhom jibnu permezz ta' din l-inizjattiva.

Għeżież studenti u ġenituri...sakemm tinqala' opportunità oħra....

Auf Wierdersehen!

*Is-Sa P. Callus u s-Sa S. Bezzina*
Għalliema

*Is-Sur R. Muscat*
Assistent Kap



# PIGEON CLUB

Fost il-bosta attivitajiet li l-iskola u l-għalliema tagħna jorganizzaw għall-istudenti waqt il-brejk hemm il-Pigeon Club. L-iskola għandha 30 homer pigeons li l-istudenti jieħdu ħsieb. Fost id-dmirijiet tal-istudenti hemm li



20 British Homing World, March 15th, 2019

## Children & Pigeons

The world is so much more health conscious now than when I was a child growing up. I can remember having all sorts of pets which included amongst others, tadpoles, frogs, newts, hedgehogs, grass snakes, lizards, budgies, rabbits, canarys, a dog, mynah bird, magpie, jackdaw, fantail pigeons, mice, hamsters, guinea pigs, parrot, monkey, ferrets, etc. Okay I accept that I had a greater variety of pets than the average child of the time, but it does illustrate how things have changed. Even though I grew up in inner city Cardiff, children made their own fun and we would go to the outskirts of town to go bird nesting, (now illegal), catching tadpoles, frogs, etc in the areas of wasteland surrounding the factories and allotments, etc. At that time people did not have the money to buy exotic pets and the monkey and parrot i mentioned, for example, came via a friendly sailor. Nowadays any spare plot of land is built on, leaving the free open areas, limited to public gardens or parks, etc. With the advent of new technology, children have the opportunity to entertain themselves in the comfort of their bedroom, 24 hours a day, with computer games, social media, films on demand, etc. Another change has seen the average couple having far smaller families, with now being 1.5 children being the average per couple. The environment has seen the continuous building of blocks of apartments and smaller houses, so that builders can cram as many properties into the smallest available spaces. This has resulted in a generation of children who have fewer brothers and sisters and cousins to socialise with and experience family responsibilities and less space within the family home to keep pets plus less motivation to accept the extra responsibilities involved in doing so. Added to this, we now have more stringent regulations regarding keeping pets and livestock, especially within social housing areas. It was for these reasons that I was overjoyed to hear of a school project at Kirkop Secondary School, Malta.

Early in 2016, The Malta Federation of Racing Pigeons and Kirkop Secondary School, situated within St. Benedict College, agreed to collaborate in a project involving keeping racing pigeons. The idea was to run the project along the lines of similar projects already established in Portugal, Holland and Belgium, where the school is supplied with pigeons and educated in the sport. The school acknowledged the

Charles Farrugia, volunteer project mentor, with some students.

Students attending to loft chores.

Charles Scerri, President of the Malta Federation...

jitimgħu lill-istess ħamiem, inaddfulhom il-guva u jtajruhom. Kien hemm drabi li l-ħamiem saħansitra ttieħed f'postijiet imbiegħda biex



British Homing World, March 15th, 2019 21

educational 'added value' of the project and agreed to participate. With the collaborative support from the Malta Federation, the Federation built a purpose made loft, supplied racing pigeons donated by local fanciers, provide pigeon corn, medicines and undertake regular visits, including visits to educate the young participants as well as the teaching staff, on pigeon husbandry and the sport of pigeon racing itself. In return the school is committed to organising a pigeon club, whereby the students involved in the project, meet on a regular basis, participating fully, in all aspects of managing and maintaining the day-to-day activities in the loft. Indirectly the students also learn other skills such as animal husbandry, accepting responsibility, the importance of cleanliness, maintaining health, nutrition, caring for others, dealing with disappointment of a lost pigeon, the arithmetic involved in calculating the speed of the pigeon's return from a racepoint, patience, etc.

This project is now in its third year and there are a group of twenty dedicated students actively involved, on a daily basis, to clean, feed and exercise the birdss. Ms Karen Mifsud the teacher, has overseen the project, with support from Mr Charles Scerri, President, Malta Federation of Racing Pigeons and Mr Charles Farrugia, local pigeon fancier, mentor to the students. As a result of participating in it some students have graduated to adopting some of the young pigeons they have bred, to start a loft of their own at home. Mr Michael Bondin, Head of School, is now hoping to add agribusiness to the school curriculum and although not directly linked with the Pigeon Loft Project, he hopes that it can be included within the animal husbandry module, which usually covers poultry and rabbits. Some students, they find, respond far more positively, with 'hands on' learning and show greater motivation with learning, in general. The students have already been involved in their first overseas race and also undertaken a field trip to visit the extensive lofts of highly successful fancier, Mr Franco Busittil.

I envy these students and wish that I had been given the opportunity of participative learning style. During my school days I remember that I hated arithmetic and it was only when I started to play darts, that I found the motivation to develop my mental arithmetic skills. So for those young people not really responding to school lessons, perhaps the Pigeon Loft Project, can be the catalyst to motivate them. Congratulations, to the school staff, the Maltese pigeon fanciers, who have volunteered their time, The Malta Federation, for sponsoring the project and the students for their active participation. I am sure that everyone wishes them all continued success for the future. Mr Charles Scerri, President of the Malta Federation of Racing Pigeons, is already committed to introducing further School Pigeon Loft projects, providing willing volunteers can be found to support the schools.

TONY HARTE
Gozo, Malta

Boys and girls share the interest.

imbagħad reġa' qabad ir-rotta lejn l-iskola. Dawk li jixtiequ jifformaw parti mill-Pigeon Club għandhom ikellmu lil Ms Karen Mifsud.

Intant artiklu dwar il-Pigeon Club tal-iskola tagħna deher f'rivista Ingliża

*Is-Sa. K. Mifsud*
LSE

# NIĊĊELEBRAW IS-SBUĦIJA TAL-LINGWI

Kieku kelli nistaqsikom x'jiġi ċċelebrat kull sena lejn l-aħħar ta' Settembru, probabbli ħafna minnkom l-istudenti tikkummentaw li ma tantx ikun żmien feliċi għax terġgħu lura l-iskola. Apparti ċ-ċajt, huwa veru li dan il-jum ftit jafu bih nies.

huwa importanti wkoll, tant li bħala għalliema tal-lingwi nemmnu li l-kultura hija parti essenzjali mit-tagħlim tal-lingwa. Din ma tistax tinqata' għaliha u fejn nistgħu, nippruvaw ngħinu lill-istudenti jifhmu u jitgħallmu dwar tradizzjonijiet differenti.

bħall-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol u t-Taljan. Kien hemm atmosfera sabiħa fost l-istudenti u kien pjaċir tagħna li nisimgħu lill-istudenti jitkellmu b'dawn il-lingwi. Prosit lil kull min ta' sehmu u anke lil Kevin tal-għajnuna li dejjem jagħti biex






Fil-fatt, kull sena l-Kunsill tal-Ewropa jħeġġeġ lill-għalliema tal-lingwi biex jiċċelebraw il-Jum Ewropew tal-lingwi fejn infakkru d-diversità tal-lingwi u l-kulturi li jġibu magħhom. Is-26 ta` Settembru 2018 kienet il-ġurnata magħżula għal dan il-għan imma peress li ġiet ferm viċin il-bidu tas-sena skolastika, ġie deċiż li tiġi ċċelebrata aktar tard matul is-sena.

Meta student jitgħallem lingwa, irid iżomm f'moħħu li qed jinvesti f'għodda li biha jista' jikkomunika ma' nies oħra ġejjin minn pajjiżi differenti. Li titgħallem dwar il-kultura tal-pajjiż

Għalhekk f'Diċembru li għadda, iddedikajna ġimgħa għal-lingwi fejn matulha tellajna diversi attivitajiet li kienu jinvolvu l-lingwi. Il-ġimgħa fetħet b'ċelebrazzjoni matul l-Assembly fejn permezz ta' Powerpoints u sketches imtellgħa mill-għalliema, l-istudenti saru aktar familjari mat-tradizzjoniet tal-Milied ta' kull pajjiż. Bix-xieraq bdejna bil-Malti u l-Ingliż, il-lingwi mitkellma f'pajjiżna u wara għaddejna għal-lingwi barranin

intellgħu dawn l-attivitajiet. Lawrence u Salvu wkoll tawna daqqa t'id. Anzi kellhom biċċa xogħol ġmielha biex iwaħħlu dawk ir-ritratti kollha ta' kull pajjiż fil-kuruturi tal-lingwi differenti. Issa vera nistgħu ngħidu li għandna kuruturi vera tal-ġenn. Ma nistax ma nsemmix lis-Sa Marconia Schembri, Kap tad-Dipartiment tal-PE li mingħajrha dan il-proġett ma kienx iseħħ.

Peress li kien Diċembru ħriġna bl-idea li ntellgħu s-suq tal-





Milied. Kull pajjiż għażel deżerta tradizzjonali tal-pajjiż biex tinxtara mill-studenti u jikkumplimenta l-platti tradizzjonali ta' pajjiżi differenti li t-tim tal-għalliema tat-tuck shop għoġobhom jippreparaw għall-okkażjoni. Intrama s-suq u malli daqqet il-qanpiena tal-brejk, kien hemm kompetizzjoni sħiħa bejn l-istudenti min minnhom kien ser jirnexxilu jduq l-aktar affarijiet bnini. L-idea intgħoġbot mill-istudenti li kkonkorrew bi ħġarhom u d-domanda kienet kbira. Tajjeb li nsemmu li kellhom għażla interessanti bejn qagħaq tal-għasel (Malta), cupcakes (l-Ingilterra), Bûche de Noël (Franza), Panettone b'laqta speċjali (l-Itajla), Apfel Strudel (il-Germanja) u Churros (Spanja). Interessanti li tkunu tafu li f'temp ta' anqas minn għaxar minuti ċ-Churros sparixxew!!!










Il-ġimgħa tal-lingwi għaddiet b'wiċċ il-ġid u kulħadd ħareġ sodisfatt. Ma nistgħux ma nirrigrazzjawx lis-Surmast li dejjem jagħti spinta lil dawn l-okkazzjonijiet. Grazzi kbira tmur lill-għalliema tat-tuck shop talli dejjem jikkollaboraw magħna, lill-Kunsill tal-istudenti u lis-Sa Lorraine Caruana u s-Sa Christine Refalo tal-għajnuna li tawna. Fl-aħħar ngħid grazzi minn qalbi lill-għalliema kollha tal-lingwi li dejjem ħdimna flimkien għall-ġid tal-istudenti. Dan veru ta' min japprezzah.

Grazzi




*Is-Sa M. Vella Sammut*
*Kap tad-Dipartiment tal-Franċiż*

# TIKKA MATEMATIKA



This year, Ms Ramona Galea, Ms Marilyn Saliba, Ms Romina Mamo and Mr Alex Ellul attended the annual national seminar "Tikka Matematika" which was organised by the Directorate for Learning and Assessment Programmes in collaboration with the Institute for Education. The aim of this seminar is to promote quality mathematics teaching and learning and to disseminate examples of sound pedagogical practices in teaching mathematics.

The seminar was held on Monday 25th and Tuesday 26th February 2019 at St. Nicholas College Dingli Secondary School. This year, the first edition of matemaTiKKA Award was launched with the aim of promoting innovative project practices in primary and secondary mathematics education that strengthen effective student engagement in learning. Schools were invited to present to the seminar attendees innovative projects which had been conducted by Maths teachers from the school. Ms Saliba and Ms Mamo from our school gave a 5-minute presentation and displayed a project poster on the Benedittu Maths Parents Club. This club gives parents the opportunity to work, together with their children and a team of Maths teachers, on various interesting tasks and activities which are related to mathematics, logic and reasoning. These activities also help parents to keep up to date with what is going on in our secondary mathematics classrooms. This club is being held on Saturday afternoons during the scholastic year.

Overall this seminar was a very fruitful one as Maths teachers could share their practices. Participants left with a lot of ideas and initiatives they can try out in the future.

# NIĊĊELEBRAW PI DAY

Għat-tielet sena konsekuttiva, l-iskola tagħna reġgħet organizzat iċ-ċelebrazzjoni *Pi Day*, fejn fiha nfakkru n-numru *pi* jew π li kif jafu ħafna minnkom jintuża biex insibu ċ-ċirkumferenza u l-erja ta' ċirku, fost affarijiet oħra. Dan in-numru nqisuh speċjali għaliex id-digits ta' wara l-punt deċimali ma jispiċċaw qatt u ma hemm l-ebda ripetizzjoni fihom. Kull sena madwar id-dinja, *Pi Day* tiġi ċċelebrata fl-14 ta' Marzu għaliex din id-data, bis-sistema Amerikana ta' kif jinkitbu d-dati (3/14), tixbah l-ewwel tliet digits ta' π, jiġifieri 3.14. Fl-iskola tagħna dan għamilnieh billi tajna fuljett lill-istudenti tad-disa' sena li kien fih informazzjoni u logħob dwar dan in-numru. Tnediet kompetizzjoni bejn l-istudenti li kellhom jiftakru kemm jista' jkun numri mill-π. Constantin Catalin Alexandru rnexxielu jikser ir-rekord ta' Juan








Scerri u mmemorizza 772 digit tal-pi. Scerri kien ftakar 637 digits. Barra minn hekk l-iskola tagħna ħadet ħsieb li tipprovdi *Pi Pies* għall-bejgħ lil kulħadd. Dawn kienu torti tal-laħam u tat-tiġieġ li fuqhom jidher is-simbolu π. Bħas-snin ta' qabel, din is-sena nbiegħu aktar minn 400 torta li l-qliegħ tagħhom mar għall-ALS Malta.

*Is-Sur A. Ellul*
Kap tad-Dipartiment tal-Matematika




## GO4RESEARCH INTERNSHIP



After representing our school in the Malta Junior Science Olympiad (MJSO), Year 11 students Eimen Beshta, Daniela Pisani and Jasmina Sanjic will be participating in the Go4Research students internship programme. The internship, that will be held during the summer recess, is organised by the Faculty of Science, University of Malta in collaboration with the Directorate for Learning and Assessment Programmes and will offer a number of students who participated in the Malta Junior Science Olympiad (MJSO) the opportunity to pursue their interest in STEM, by joining academics in their research projects within different STEM fields. The programme also aims to facilitate students' transition into further and higher education. After the students' great performance in MJSO, the Science Department in our school would like to wish the students the best of luck in this new experience.



# YEAR 9 STUDENTS VISITING ESPLORA INTERACTIVE CENTRE













How do astronauts manage to live away from the Earth? Why do we have different seasons? How can a space probe reach another planet safely? These are some of the questions Year 9 Physics students considered during their visits at Esplora, the Interactive Science Centre in Kalkara. These visits, organized by the Physics Department during the months of January and March, also served to compliment what is already being done during Physics lessons when tackling the fascinating theme 'The Earth and the Universe'.

During the first part of the visit, the students had the opportunity to follow a one hour show inside the planetarium. During the different visits, students had the possibility to follow shows about planets, the whole solar system, the universe and space related discoveries. After the planetarium show, the students visited an interactive exhibition related to the diverse aspects of our universe and through the exhibits, they explored phenomena like the Big Bang, Dark Matter, What is a star? and other interesting topics about the universe and phenomena occurring within it. During this part of the visit, the students could also explore three small rooms replicating the parts of the International Space Station where astronauts carry out their day-to-day duties. Finally, the students participated in a one hour workshop during which they were encouraged to engage in a problem-solving situation related to the same theme.

Overall, the activities carried out during the visit managed to help the students to learn more about the theme 'The Earth and the Universe' and at the same time gave them the opportunity to apply different Physics concepts in order to solve practical situations.

*Mr M. Spagnol*
Head of Department of Physics

# FIERA EDUKAZZJONI POST-SEKONDARJA

Waqt Jum il-Ġenituri li sar nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu, il-foyer tal-iskola tagħna nbidel f'fiera li tindirizza l-edukazzjoni post-sekondarja. L-għan ta' din il-fiera kien li titwassal aktar informazzjoni lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom biex jiggwidawhom jagħmlu l-aħjar għażla dwar il-futur tal-edukazzjoni tagħhom fuq livell post-sekondarju sabiex twassalhom għall-karrieri u opportunitajiet differenti fid-dinja tax-xogħol.




Waqt din il-fiera, persuni professjonali ltaqgħu mal-istudenti u ġenituri tagħhom fejn iddiskutew u offrew gwida għall-karrieri u korsijiet li jeżistu għalihom.  F'din il-fiera informattiva ħadu sehem istituzzjonijiet bħall-MCAST, ITS, Higher Secondary, Junior College, ALP, GEM 16+, Università ta' Malta, Lifelong Learning, il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, Aġenzija Żgħażagħ, Jobsplus/Youth Guarantee, The Lino Spiteri Foundation u s-Psycho-Social Team tal-Kulleġġ San Benedittu.













Żar din il-fiera s-Segretarju Parlamentari Clifton Grima li ħa wkoll l-opportunità li jżur ix-xogħlijiet li qed isiru fuq il-laboratorji ġodda tal-Inġinerija, IT, Media literacy, Retail, Health and Social care u Hospitality li jinsabu fi stadju avvanzat.

*Is-Sur N. Mallia*
Career Advisor




*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, il-Ħamrun*
☎ *77 940 904*
✉ *info@copyservltd.com*